MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 22/2014

**Lawrence Camilleri (ID 106749M), f'ismu propju u kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsefrin hutu Emanuel Camilleri, Nazzareno Camilleri u Carmen Vella, u kif ukoll Pacifica Tanti, Maria Camilleri, Madalene Fenech, Vincent Camilleri, Perit Joseph Camilleri, Silvio Camilleri, Fr. Emanuel Camilleri, Carmen Camilleri, Joseph Mary Camilleri u Maria Victoria Bartolo**

**vs**

**Michael P. Camilleri (ID 444636M) f'ismu propju kif ezercitanti u gerenti l-kummerc taht l-isem**

**tad-ditta Firm Camilleri Bros, u ghal kull buon fini ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess ditta.**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk:

Illi l-esponenti huma kollha eredi tad-defunt Joseph Camilleri, u f'din il-kapacita' jikru lill-intimat il-garage bla numru u bl-isem 'Carmel Garage', inkluza d-drive-way tieghu, fi Triq Baskal Buhagiar, il-Mosta, liema fond jista' jintuza ghal skopijiet kummercjali u dan versu l-hlas ta' tliet liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm3.75) ekwivalenti ghal tmien Euro u tlieta u sebghin centezmu (€8.73) kuljum li jithallsu kull tliet xhur bil-quddiem, bl-iskadenza li jmiss trid tithallas fit-22 ta' Frar 2014 – dan kollu ai termini ta' skrittura tat-23 t'Awwissu 1993 bejn l-awtur taghhom Joseph Camilleri u l-istess intimat hawn annessa bhala Dok A

Illi l-intimati qieghed moruz f'aktar minn hdax-il skadenza ta' kera, u dan ghas-snin bejn l-2010 u s-sena kurrenti.

Illi l-esponenti intimaw lill-istess intimat sabiex jghaddi ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali tal-15 t'Ottubru, 2013 (Dok B), pero' dan ciononostante baqa'

moruz fil-hlas u ghalhekk illum huma intitolati li jirriprendu l-fond in kwistjoni fid-dawl ta’ din il-morozita’.

Ghaldaqstant, l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdin bil-qima jitolbu lil dana l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-garage bla numru u bl-isem ‘Carmel Garage’, inkluza d-drive-way tieghu, fi Triq Baskal Buhagiar, il-Mosta u ghall-fini ta’ din ir-ripreza, jiffissa zmien qasir u perentorju sabiex l-istess intimat jirrilaxxa l-istess fond vakanti minn kull pussess u okkupazzjoni a favur ta’ l-istess esponenti.

B’riserva cara ghal kull azzjoni ohra li ghandhom l-esponenti inkluz ghall-hlas ta’ arretrati ta’ kera kontra l-istess intimat.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi l-intimat debitament notifikat bir-rikors promutur u l-avviz ta’ smiegh naqas milli jidher biex jikkontesta l-kawza u naqas ukoll jirregistra objezzjoni ghat-talbiet odjerni.  Minkejja dan, huwa baghat certifkat mediku ghat-tieni dehra f’din il-kawza izda ma deher hadd biex jirraprezentah u jispjega x’kien fi hsiebu jaghmel dwar it-talbiet tar-rikorrenti;

Rat it-talba tar-rikorrenti sabiex dan il-Bord jghaddi ghad-decizzjoni tieghu fuq il-provi mressqa;

Ikkunsidra:

Din hija kawza ghar-ripreza ta’ fond mikri lid-ditta intimata bazata fuq il-morozita’ fil-hlas tal-kera. Ir-rikorrenti esebew kopja awtentikata ta’ ittra ufficcjali domandanti l-kera dovuta lid-ditta intimata debitament ricevuta minnha. Il-Bord semgha ukoll bil-gurament lir-rikorrenti Lawrence Camilleri jiddikjara illi kien interpella lid-ditta intimata anke verbalment diversi drabi sabiex thallas il-kera minnha dovuta izda din dejjem kienet inadempjenti;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti pruvaw il-premessi taghhom skond il-ligi u dan il-Bord, anke jekk dovut jezamina jekk kienx hemm raguni valida li tista’ tiggustifika lid-ditta intimata fin-nuqqas taghha tal-hlas tal-kera, dan ma jistghax isir minghajr almenu ma jidher l-istess intimat u jispjega jekk fil-fatt kien hemm xi raguni;

Ghal dawn il-motivi, t-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jkunu milqugha u il-Bord qed jgahddi biex jilqa’ l-istess talbiet. Ghal fini ta’ zgombru qed ikun prefiss terminu ta’ wiehed u ghoxrin (21) jum mil-lum;

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mid-ditta intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------